MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 93/8

It-Tlieta 23 ta` Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

093.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

093.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

093.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

093.4 Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report (Jan-Mar 2023);

093.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement 2022;

093.6 Jum il-Gudja 2023 u Attivitajiet oħra;

093.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

093.8 Rapporti;

093.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

093.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

093.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Il-Vici Sindku Maria Micallef ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 093.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġilji

Il-Vici Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm ittra ta` apologija tal-Kunsilliera A Amri Brincat fejn talbet sabiex tiġi skuzata mill-laqgha minhabba ragunijiet personali. Din it-talba ġiet milqugha minn dawk prezenti. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex f`isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja nawguraw fejn ta` malajr lis-Sinjura Amri Brincat.

**093.2** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 90/8 u nru 91/8 nem con.

17.45hr Is-Sindku nghaqdet fil-laqgha.

**093.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

093.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ntbaghtet ittra ufficjali mill-avukat lis-sid tal-ghalqa li qeghda fi Triq il-Lewz sabiex isir it-tindif u jitella` l-hajt kif titlob il-ligi.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghal problema ta` grieden li qed ikun hemm fejn il-mina ta` Triq il-Kbira ma` Triq il-Lebbien kif ukoll fi Triq B`Bugia. Dwar dan il-Kunsill qabel li jixtri prodotti li huma tajbin sabiex titnaqqas din il-problema.

093.3.2 Is-Sindku prezentat korrispondenza dwar stedina ghal laqgha dwar il-Parking Management Sustainable Mobility li ser isir fil-31 ta` Mejju 2023.

093.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li kienet saret mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tax-Xoghlijiet Pubblici, flimkien ma` DG u l-perit li qed jahdem fuq il-progett tal-Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku qalet li ser isir xoghol ta` refurbishment fil-gnien, tindif tal-gibjun u kif ukoll landscaping gdid. Is-Sindku ziedet tghid li hemm xoghlijiet li jridu jsiru biex l-gnien ikun aktar accessiblu u li x-xoghlijiet ser isiru fi stadji biex l-access tal-gnien jibqa` dejjem. Is-Sindku qalet li l-bandli mhux ser jintmis peress li saru xi xoghlijiet ricentament. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill gie avvicinat biex isiru l-paneli fuq il-latrina sabiex il-progett ikun wiehed sostenibbli.

093.3.4 Is-Sindku prezentat ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-librara dwar tibdil fil-hinijiet tal-ftuh tal-librerija. Il-Kunsill m`approvax il-hinijiet mitluba minn naha tal-librara u propona hinijiet ohra li jisghtu jakkomodaw il-bzonnijiet taghha.

093.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li kien hemm minghand resident dwar installazzjoni ta` cctv fi Triq Santa Marija (fejn il-Knisja tal-Lunzjata) minhabba l-fatt li qed ikun hemm diversi vandalizmu u habba sigurta ghar-residenti. Dawk prezenti approvaw li ssir cctv camera ghas-sisgurta ta` residenti.

093.3.6 Is-Sindku talbet sabiex jigi diskuss item 093.5 tal-Agenda. Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghal-ewwel kwart tas-sena (Jan-Mar 2023).Ir-rapport gie approvat unanimament.

093.3.7 Is-Sindku talbet sabiex jigi diskuss item 093.6 tal-Agenda. Is-Sindku prezentat l-Audited Financial Statement ghas-sena 2022. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

Fis-6.15pm il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex jigi skuzat.

093.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li saret mall-Principal tal-Kullegg dwar l-uzu tal-parkegg tal-iskola matul il-weekend, fejn gejna nfuramti li din tista` ssir bhal ma saret f` lokalitajiet ohra. Is-Sindku ziedet tghid li talba trid isir lis-Segretarju Permanenti.

093.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-invit li l-Kunsill ircieva sabiex jattendi ghall-konferenza tal-progett CASE tal-Europe for Citizens bejn it-22 u s-26 ta` Gunju 2023. Is-Sindku ziedet tghid li din l-istedina qed isir mill-belt ta` Giove, l-Italja u hija l-ewwel pass biex jsir il-gemellagg ma` din il-belt fl-Italja. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill jista` jibghat ta` ghaxar partecipanti u ghalhekk mill-Kunsilliera min huwa nteressat jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv.
Giet prezentata korrispondenza minghand Iona Future Voices sabiex isir attivita fil-Gnien R.Caruana fis-26 ta` Awwissu, 2023. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni ghal din it-talba.

093.3.10 Giet prezentata korrispondenza li ntbghtet mill-ghaqda Maria Assunta ghan-no objection biex isir attivita fit-22 ta` Lulju 2023 fil-belveder ta` Loretu. Il-Kunsill ma sabx ogezzjoni. Fl-istess korrispondenza din l-ghaqda talbet sabiex il-Kunsill jhallas l-ispiza tal-mobile toilet, fejn wara diskussjoni din it-talba ma gietx milqugha mill-Kunsill ghal fatt li l-Kunsill diga` qieghed jaghmel tajjeb ghall-permessi li jinhargu.

093.3.11 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-ghaqda La Stella ghan-no objection biex isiru attivitajiet fis-17 ta` Gunju, 7 ta` Lulju u 29 ta` Lulju fil-belveder ta` Loretu. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva din it-talba.

**093.4 Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report (Jan-Mar 2023);**

Dan l-item gie diskuss qabel f`din il-laqgha.

**093.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement 2022;**

Dan l-item gie diskuss qabel f`din il-laqgha.

**093.6 Jum il-Gudja 2023 u Attivitajiet oħra;**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet ta` Jum il-Gudja 2023 fejn il-Kunsill approva li l-quddiesa isir gewwa l-Knisja tal-Lunzjata fis-6.00pm. Is-Sindku ziedet tghid sabiex wara l-quddiesa jsir refreshment zghir u tibda l-banda sa` fejn il-palk. Il-Kunsill qabel li r-rotta tkun minn fejn il-Knisja tal-Lunzjata ghal Triq Santa Marija, Triq il-Kbira, Triq Glormu Cassar u Triq San Mark. Is-Sindku tablet sabiex tintbghat ittra lill-ghaqdiet tal-baned dwar dan.

**093.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

093.7.1 Il-Kunsillier G Fenech talab sabiex isiru bollards fejn iz-zuntier tal-Knisja ghal fatt li qed jipparkjaw il-vetturi u jaghmluha difficli biex tal-linja tkun tista` ddur ghal Triq William Baker.

**093.8 Rapporti;**

Item 093.4 & 093.5

**093.9**

**Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**

Is-Sindku ghamlet referenza habba tindif tal-Gnien Raymond Caruana matul il-weekend, fejn is-Sindku tablet sabiex il-Kunsill iqabbad impjegat mill-Kunsill u jithallas overtime saghtejn is-Sibt u saghtejn il-Hadd jew inkella l-Kunsill iqabbad lil persuna li qed tiehu hsieb il-latrini taghmel dan ix-xoghol. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jekk xi hadd mill-haddiema ma jacettax, jqbadd lil-persuna nkarigata mill-latrina u tinghata s-somma ta `mitt ewro ghal dan is-servizz ghal kull weekend. Dan is-servizz ser jkun qed jinghata bejn ix-xahar ta` Gunju u Ottubru.

d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
e. **Proġett tal-Pjazza – progress**
f. **Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**093.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 49/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku M. Micallef u ssekondata mill-Kunsillier G Fenech għall-ammont totali ta' €21,581.73 u ġiet approvata nem con.

**093.11** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar l-Erbgha 17 ta` Mejju 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju 2023

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella Gafà | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |